MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 1216/2007

**BANK OF VALLETTA P.l.c**

**vs**

**John u Spiridiona miżżewġin BRIFFA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-20 ta' Novembru, 2007, li bih is-soċjeta' attriċi, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew iktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u skritturi imsemmija (u hawn eżebiti bħala Dokument "A, B, u C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi John u Spiridiona miżżewġin Briffa (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi

sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess John u Spiridiona miżżewġin Briffa li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi.

2. Tikkundanna lil konvenuti John u Spiridiona miżżewġin Briffa jħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ sitt elef, disa’ mija u sitta u sittin Liri Maltin u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm6,966.44) ekwivalenti għall-sittax-il elf, mitejn u sebgħa u għoxrin Ewro u erbgħa u erbgħin Ewro ċenteżmi (€16,227.44) bilanċ għad-debitu fl-“Overdraft Account” ta’ John u Spiridiona miżżewġin Briffa mal-Bank of Valletta P.l.c (Dok. “D1 sa’ D2”, Dok. “E1 sa’ E71”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mill-11 ta’ Ottubru 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament bl-ispejjeż;

Rat li l-intimati miżżewġin Briffa ġew notifikati bl-atti tar-Rikors għall-finijiet tal-art. 187(3) tal-Kap 12;

Rat in-nota mressqa fl-20 ta’ Frar, 2008 mill-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammisjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw pruvati.

Fuq ammisjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa’ t-talbiet tas-soċjeta’ attriċi kif dedotti fir-Rikors Maħluf b’dan li ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet li bis-saħħa tagħhom il-Bank attur jista’ jitlob minnufih il-ħlas dovut lilu mingħand l-istess konvenuti, u billi tikkundanna lill-istess konvenuti biex, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lill-Bank attur is-somma ta’ sittax-il elf mitejn u sebgħa u għoxrin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmi (€16,227.44) bħala bilanċ għad-debitu fl-*“Overdraft Account”* tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mill-11 ta’ Ottubru, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------